

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11791/26

ENT 193
MI 770
IND 480
COMPET 944
SAN 582
ENV 930
CHIMIE 98

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	D(2026) 112095
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-karċinoġeni, il-mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali jew it-tossikanti għar-riproduzzjoni soġġetti għal restrizzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument D(2026) 112095.

Mehmuż: D(2026) 112095



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D112095/05
[...] (2026) XXX draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' XXX

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-karċinoġeni, il-mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali jew it-tossikanti għar-
riproduzzjoni soġġetti għal restrizzjonijiet**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-karċinoġeni, il-mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali jew it-tossikanti għar-riproduzzjoni soġġetti għal restrizzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 68(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-entrati 28, 29 u 30, stipulati fit-Tabella tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu, għall-provvista lill-pubbliku ġenerali, ta' sustanzi li huma kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni taċ-ċelloli ġerminali jew tossikanti għar-riproduzzjoni (CMR) tal-kategorija 1A jew 1B fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², u li huma elenkati fl-Appendiċijiet 1 sa 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u ta' taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn f'konċentrazzjonijiet speċifikati.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat bir-Regolamenti Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2564³ u (UE) 2025/1222⁴ kien jinkludi klassifikazzjonijiet armonizzati ġodda tas-sustanzi bħala CMR tal-kategoriji 1A u 1B. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2024/2564 issostitwixxa ċerti entrati għat-tossikanti għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B b'entrati ġodda. Għalhekk jixraq li jiġu aġġornati l-

¹ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2564 tad-19 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi (ĠU L, 2024/2564, 30.9.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2024/2564/oj).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1222 tat-2 ta' April 2025 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi (ĠU L, 2025/1222, 20.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/1222/oj).

Appendiċijiet 1, 2, 4 u 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 biex jiġu inklużi s-sustanzi kklassifikati ġodda u biex jiġu sostitwiti l-entrati eżistenti.

- (3) L-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 magħmula bir-Regolament Delegat (UE) 2024/2564 għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju 2026. L-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 magħmula bir-Regolament Delegat (UE) 2025/1222 għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2027. Peress li dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ wara l-1 ta' Mejju 2026, ir-restrizzjoni introdotta b'dan ir-Regolament fir-rigward tas-sustanzi kklassifikati bir-Regolament Delegat (UE) 2024/2564 bħal CMR tal-kategoriji 1A u 1B jenħtieġ li tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. B'kuntrast ma' dan, ir-restrizzjoni fir-rigward tas-sustanzi kklassifikati bir-Regolament Delegat (UE) 2025/1222 bħala CMR tal-kategoriji 1A u 1B jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Frar 2027. Id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma tipprevjenix lill-operaturi milli japplikaw ir-restrizzjonijiet relatati mas-sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B elenkati fl-Annessi tar-Regolamenti Delegati (UE) 2024/2564 u (UE) 2025/1222 aktar kmieni.
- (4) In-numri CAS elenkati għal tliet sustanzi msemija fl-Appendiċijiet 1 u 2 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li jiġu aġġornati biex jirriflettu l-identifikazzjoni aġġornata ta' dawk it-tliet sustanzi, u biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-akkuratezza fl-applikazzjoni tar-restrizzjoni.
- (5) Wara l-klassifikazzjonijiet taċ-ċomb, kemm fil-forma ta' trab kif ukoll fil-forma massiva, u l-biċċa l-kbira tal-komposti taċ-ċomb bħala tossikanti għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A, l-Appendiċi 5 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1510⁵ biex jinkludi ċ-ċomb (Nru KE 231-100-4; Nru CAS 7439-92-1) kemm fil-forma ta' trab [dijametru tal-partikoli < 1 mm]⁶ kif ukoll fil-forma massiva [dijametru tal-partikoli ≥ 1 mm]⁷. Dak l-Appendiċi ġie emendat ukoll bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1132⁸ biex jinkludi l-biċċa l-kbira tal-komposti taċ-ċomb⁹. Konsegwentement, iċ-ċomb, kemm fil-forma ta' trab kif ukoll fil-forma massiva, u l-biċċa l-kbira tal-komposti taċ-ċomb jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-entrata 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u t-tqegħid fis-suq u l-użu tagħhom għall-provvista lill-pubbliku ġenerali bħala sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra huma pprojbti.
- (6) Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 oġġett huwa prodott li waqt il-produzzjoni jingħata forma, wiċċ jew disinn speċjali li jiddeterminaw il-funzjoni tiegħu sa grad akbar milli tagħmel il-kompożizzjoni kimika tiegħu. Fir-rigward taċ-ċombi tas-sajd, il-funzjoni tagħhom hija li jipprovdu piż lill-apparati tas-sajd, bħax-xlief jew il-lixkiet. Il-biċċa l-kbira taċ-ċombi tas-sajd jeħtieġ li jkunu tqal, densi u kimikament stabbli sabiex iwettqu l-funzjoni tagħhom. Dawk il-karatteristiċi huma

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1510 tat-30 ta' Awwissu 2017 li jemenda l-Appendiċijiet tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tas-sustanzi CMR (ĠU L 224, 31.8.2017, p. 110, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1510/oj>).

⁶ Indiċi Nru 082-013-00-1.

⁷ Indiċi Nru 082-014-00-7.

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1132 tat-8 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni soġġetti għal restrizzjonijiet (ĠU L 149, 9.6.2023, p. 49, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1132/oj>).

⁹ Ħlief dawk speċifikati banda oħra fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Ara l-Indiċi Nru 082-001-00-6.

relatati direttament mal-kompożizzjoni kimika taċ-ċombi tas-sajd. Għall-biċċa l-kbira taċ-ċombi tas-sajd, il-forma, il-wiċċ u d-disinn taċ-ċomba tas-sajd jistgħu jitqiesu inqas rilevanti għall-funzjoni taċ-ċomba tas-sajd mill-kompożizzjoni kimika. F'dak l-isfond, jista' jitqies li l-biċċa l-kbira taċ-ċombi tas-sajd mhumiex oġġetti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, iżda pjuttost sustanzi jew taħlitiet. B'riżultat ta' dan, iċ-ċombi tas-sajd li fihom iċ-ċomb jew il-komposti taċ-ċomb ("ċombi tas-sajd taċ-ċomb") li huma kklassifikati bħala tossikanti għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A u elenkati fl-Appendiċi 5 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jistgħu jkunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet stipulati fl-entrata 30 ta' dak l-Anness.

- (7) Fl-istess ħin, iċ-ċombi tas-sajd taċ-ċomb jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' proċess ta' restrizzjoni speċifiku skont l-Artikolu 69(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li nbda mill-Kummissjoni fis-16 ta' Lulju 2019¹⁰. Matul dak il-proċess, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") ikkonkludiet¹¹ li iċ-ċomb jew il-komposti tiegħu f'ċertu tagħmir tas-sajd, inklużi iċ-ċombi tas-sajd, jgħall-riskju għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem li mhuwiex ikkontrollat b'mod adegwat u li jeħtieġ li jiġi indirizzat fl-Unjoni kollha. L-Aġenzija pproponiet kundizzjonijiet speċifiċi ta' restrizzjoni biex tindirizza r-riskji identifikati mit-tagħmir tas-sajd taċ-ċomb. Huma identifikaw f'liema tagħmir tas-sajd iċ-ċomb jgħall-riskju sinifikanti u għalhekk jenħtieġ li jiġi ristrett, u f'liema tagħmir tas-sajd iċ-ċomb jista' jiġi permess minħabba riskji aktar baxxi jew nuqqas ta' alternattivi xierqa. L-Aġenzija pproponiet ukoll perjodi tranżizzjonali ta' durati differenti għall-applikazzjoni tar-restrizzjoni għal tipi differenti ta' tagħmir tas-sajd taċ-ċomb, skont ir-riskji li jgħall-riskju u d-disponibbiltà ta' alternattivi. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija, l-entrata 63 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li tiġi emendata biex tintroduċi restrizzjonijiet speċifiċi fuq t-tqegħid fis-suq u l-użu taċ-ċomb jew tal-komposti tiegħu fit-tagħmir tas-sajd, inklużi iċ-ċombi tas-sajd taċ-ċomb.
- (8) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-entrata 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jindirizzaw b'mod ġeneriku r-riskji maħluqa minn kwalunkwe sustanza inkluża fl-Appendiċi 5 jew 6 minħabba l-klassifikazzjoni armonizzata tagħha bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A jew 1B, meta s-sustanza waħedha, f'taħlita jew bħala kostitwent ta' sustanzi oħra tiġi fornuta lill-pubbliku ġenerali. Peress li kwalunkwe emenda għall-entrata 63 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tkun ibbażata fuq rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw speċifikament ir-riskji maħluqa miċ-ċombi tas-sajd taċ-ċomb, inklużi r-riskji għall-utenti taċ-ċombi tas-sajd, huwa għalhekk aktar xieraq li jiġi rregolati biss t-tqegħid fis-suq u l-użu taċ-ċombi tas-sajd taċ-ċomb fil-kuntest ta' emenda separata tal-entrata 63 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. It-tqegħid fis-suq u l-użu għall-provvista lill-pubbliku ġenerali taċ-ċomb u l-komposti tiegħu, waħedhom, f'taħlitiet jew bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra fi kwalunkwe ċomba tas-sajd jenħtieġ għalhekk li jingħataw deroga mill-entrata 30 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
- (9) L-Appendiċi 6 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jinkludi l-ossidu nitruż (Nru KE 233-032-0; Nru CAS 10024-97-2) minħabba l-klassifikazzjoni tiegħu bħala tossikant għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B. Madankollu, is-sustanza hija awtorizzata bħala addittiv tal-ikel (ossidu nitruż (E 942)) f'konformità mar-Regolament (KE)

¹⁰ https://echa.europa.eu/documents/10162/17233/rest_lead_ammunition_COM_request_en.pdf.

¹¹ L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, *Annex XV Restriction Report – Lead in outdoor shooting and fishing*, 1-24 ta' Marzu 2021, <https://echa.europa.eu/documents/10162/da9bf395-e6c3-b48e-396f-afc8dcef0b21>.

Nru 1333/2008¹². B'mod partikolari, f'konformità mal-Annessi II u III ta' dak ir-Regolament, dik is-sustanza tista' titqiegħed fis-suq u tista' tintuża fil-kategoriji kollha tal-ikel u fl-addittivi tal-ikel, fl-enzimi tal-ikel u fl-aromatizzanti tal-ikel fi *quantum satis*. L-użu tagħha bħala addittiv tal-ikel huwa soġġett għal evalwazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) bħala parti mill-programm ta' evalwazzjoni mill-ġdid previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010¹³. Deroga mir-restrizzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 hija xierqa biex tippermetti l-użu tal-ossidu nitruż mill-pubbliku ġenerali bħala addittiv tal-ikel kif ukoll il-preżenza tas-sustanza fl-ikel jew fl-imballaġġ tal-ikel. Barra minn hekk, huwa xieraq li tiġi inkluża klawżola ta' rieżami għad-deroga li tippermetti l-użu tal-ossidu nitruż mill-pubbliku ġenerali bħala addittiv tal-ikel, biex tiġi żgurata r-reviżjoni ta' dik id-deroga jekk l-eżitu tal-evalwazzjoni mill-ġdid tal-EFSA jiġġustifika bidla skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

- (10) Kif enfasizzat miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-ossidu nitruż huwa magħruf ukoll li huwa abbużat bħala droga, u dan iwassal għal avvelenament u tħassib ieħor, inkluż fir-rigward tan-newrotossiċità, minn inalazzjoni frekwenti jew qawwija tas-sustanza. Filwaqt li mhijiex immirata speċifikament lejn il-prevenzjoni tal-abbuż tal-ossidu nitruż bħala droga jew lejn l-indirizzar tal-karatteristiċi perikolużi tal-ossidu nitruż, meta tingħata deroga li tippermetti l-użu tal-ossidu nitruż bħala addittiv tal-ikel, jenħtieġ li titqies il-possibbiltà li d-deroga tista' tiġi sfruttata għall-bejgħ tas-sustanza bħala droga. Minn naħa waħda, l-istoċċijiet li fihom l-ossidu nitruż jistgħu jintużaw ħażin. Min-naħa l-oħra, l-aerosol dispensers bl-ossidu nitruż ma jipprovdux aċċess faċli għas-sustanza u għalhekk ma hemmx il-possibbiltà li jintużaw ħażin. Għalhekk, biex tiġi minimizzata l-possibbiltà ta' użu ħażin, jenħtieġ li d-deroga tinkludi kundizzjonijiet speċifiċi għall-bejgħ ta' stoċċijiet li fihom l-ossidu nitruż, bħal restrizzjonijiet fuq il-kontenut massimu tas-sustanza li tista' tiġi fornuta lill-membri tal-pubbliku ġenerali, kif ukoll restrizzjonijiet tal-età fuq il-bejgħ ta' stoċċijiet li fihom is-sustanza.
- (11) Il-kontenituri taħt pressjoni tal-ossidu nitruż jistgħu jikkawżaw riskji sinifikanti ta' splużjoni fl-istadju tal-iskart. Madankollu, id-deroga għal stoċċijiet żgħar u aerosol dispensers bl-ossidu nitruż mhijiex mistennija li twassal għal tħassib matul l-immaniġġjar tal-iskart.
- (12) F'xi Stati Membri, l-ossidu nitruż jista' jintuża wkoll fl-isports tal-vetturi bil-mutur biex tiżdied il-prestazzjoni tal-muturi. Dan l-użu jsir b'mod partikolari għall-isports tal-vetturi bil-mutur għad-dilettanti fejn il-karozzi jkunu mgħammra b'sistema magħluqa li tippermetti l-użu tal-ossidu nitruż mimli f'kontenituri speċjali kbar. Jekk l-użu tal-ossidu nitruż jiġi pprojbit, il-kompetituri tal-isports tal-vetturi bil-mutur għad-dilettanti jkollhom jwaqqfu l-isport kompletament jew jużaw sustanzi alternattivi, u għal xi wħud minn dawk il-kompetituri l-użu ta' sustanzi alternattivi jista' jkunu wisq għali minħabba li jkollhom jaddattaw jew ibiddlu l-vettura. Dan jista' jwassal ukoll għal qalba minn avvenimenti organizzati, regolati mil-lat ta' sikurezza u bil-permessi għal avvenimenti mhux uffiċjali u mhux ikkontrollati, u b'hekk jiżdied ir-riskju ta' aċċess mhux ikkontrollat għas-sustanza u jiġi ffaċilitat l-abbuż tad-droga u jkun ukoll ta' detriment

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj>).

¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 257/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi programm għar-rivalutazzjoni tal-addittivi tal-ikel approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/257/oj>).

għas-sikurezza fit-toroq u potenzjalment iwassal għal konsegwenzi severi għall-kompetituri tal-isports tal-vetturi bil-mutur u għal utenti oħra tat-triq. Għalhekk, jenħtieġ li tkun permessa deroga għall-użu tal-ossid ntruż fl-isports tal-vetturi bil-mutur taħt ċerti kundizzjonijiet.

- (13) Peress li d-deroga għall-isports tal-vetturi bil-mutur tista' tiġi abbużata billi l-ossid ntruż jiġi kkunsmat bħala droga, il-provvista u l-użu tas-sustanza jenħtieġ li jkunu permessi biss għall-kompetituri tal-isports tal-vetturi bil-mutur f'dawk l-Istati Membri fejn jinħarġu jew jiġu rikonoxxuti liċenzji personali għal tali provvista u użu.
- (14) Il-kontenituri tal-ossid ntruż użati fl-isports tal-vetturi bil-mutur jistgħu jerġgħu jimtlew. Meta jidħlu fl-istadju tal-iskart wara ħafna snin ta' użu, dawn jiġu depressurizzati bħala parti mill-prattika standard. Għalhekk, id-deroga għall-isports tal-vetturi bil-mutur mhijiex mistennija li twassal għal tħassib matul l-immaniġġjar tal-iskart.
- (15) Sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-saħħa pubblika, li taffettwa prinċipalment liż-żgħażaġh, tal-użu abbużiv tal-ossid ntruż bħala droga rikreazzjonali meta jintuża fl-ikel, fl-addittivi tal-ikel u f'ċerti kontenituri tal-isports tal-vetturi bil-mutur, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iżommu miżuri aktar stretti f'dan ir-rigward.
- (16) Id-deroga mid-dispożizzjonijiet tal-entrata 30, stabbilita fit-Tabella 1 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, mogħtija bl-entrata 1 tal-Appendiċi 11 tal-Anness XVII ta' dak ir-Regolament, intemmet fl-1 ta' Ġunju 2013, u għalhekk jenħtieġ li titħassar.
- (17) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jirrikjedi li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni, jenħtieġ li titqies il-konċentrazzjoni ta' sustanza klassifikata f'taħlita, u fejn applikabbli, jenħtieġ li titqies ukoll is-somma tal-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi klassifikati individwali, f'konformità mar-regoli dwar l-addittività stabbiliti fl-Anness I, u fil-Parti 1 tal-Anness VI, ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, l-entrati 28, 29 u 30, stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġi żgurat li r-restrizzjoni ssegwi r-regoli tal-addittività stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u b'hekk jinżammu l-konsistenza u l-koerenza mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.
- (18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (2)(b), 3(g), (h) u (i), (4)(b), (5)(h) sa (m) u (6)(c) tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula von der Leyen